- *skont l-Artiklu 2160 tal-Kodiċi Ċivili kif emendat, il-konvenut irid minn jeddu jaħlef li mhux debitur skont il-formola preskritta mil-liġi.*
- *-l-aħjar prova ma nġabitx*
- *- danni għal telf ta' qligħ minn attivita` illegali.*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 25 ta' Novembru 2021.**

**Rikors Nru. 15/2019 GM**

**Raymond Brincat [K.I Nru: 6858(M)]**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Raymond Brincat, detentur tal-karta tal-identita` numru 6858(M) li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

Kien ġie akkużat b'reati kriminali relatati ma' attivita' illegali ta' logħob liema kawża bdiet fis-sena elfejn u sitta (2006) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

Din l-istess kawża ġiet deċiża finalment nhar it-18 ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) u dan permezz ta' verbal tal-Qorti kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok 'A' fejn l-istess Qorti qalet:

> "Wara li l-Qorti rat il-verbali tagħha b'mod partikolari għal dawk magħmula mill-Qorti kif presjeduta, li jirrisalu għad-9 ta' Novembru, 2013 u li cioe' nonostante l-kunsens tal-Avukat Ġenerali baqa' ma ġiex esebit f' dawn il-proċeduri minkejja li din il-kawża tirrisali għas-sena 2006, b'dan għalhekk illi din il-kawża għadha sal-lum, wara għaxar snin, ma tistax tinbeda, il-Qorti tastjeni milli tieħu aktar konjizzjoni ta' din il-kawża".

Għalhekk jidher biċ-ċar illi dan id-dewmien sabiex tiġi deċiża din il-kawża kien imputabbli biss lill-Prosekuzzjoni stante illi baqgħet ma esebitx il-kunsens tal-Avukat Ġenerali;

Matul l-investigazzjoni lill-esponent ittieħdulu diversi *amusement machines* allegatament formanti parti mill-*corpus delicti*;

Dawn l-*amusement machines* kienu jiswew diversi flus iżda stante illi l-kawża damet sabiex tinqata' u peress illi l-esponent ġie lliberat minn l-akkużi u għalhekk dawn l-*amusement machines* ittieħdu għalxejn, ir-rikorrenti sofra danni stante illi llum il-ġurnata dawn l-istess *amusement machines* ma baqagħlhom valur ta' xejn. Illi inoltre r-rikorrenti tilef ħafna flus stante illi l-istess *amusement machines* setgħu jiġu użati u/jew mikrija bir-riżultat illi llum tilef ammont konsiderevoli ta' flus;

Ir-rikorrenti ma kellu l-ebda kontroll fuq din is-sitwazzjoni;

Minħabba f'hekk ir-rikorrenti inkorra u daħal f'diversi spejjeż u anke sofra danni liema spejjeż u danni se jiġu ppruvati waqt il-mori ta' din ll-kawża;

L-intimati għalkemm debitament interpellati anke pernnezz ta' ittra uffiċjali datata erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni versu r-rikorrent, baqgħu inadempjenti u għalhekk kellhom jiġu intavolati dawn il-proċeduri;

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi konsegwenza ta' dan l-aġir negliġenti tal-intimati, ir-rikorrenti sofriet danni u nkorriet diversi spejjeż;
2. Tillikwida d-danni u l-ispejjeż hekk sofferti minn l-istess rikorrenti;
3. Tordna lill-intimati sabiex iħallsu solidament bejniethom lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata, *occorendo* anke bin-nomina ta' Periti.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija li permezz tagħha eċċepew illi :

**<u>Eċċezzjonijiet preliminari</u>**

1. L-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet vantati mill-atturi u dan ai termini tal-Artikolu 181B tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. L-improponibbilita’ tat-talba tar-rikorrent *stante* illi hija waħda vaga u mhux identifikat x’inhu d-dritt illi fuqu hija bbażata l-azzjoni;

3. Jekk din il-kawża hija waħda ta’ natura ta’ *Culpa Aquiliana* l-esponenti jeċċepixxu illi l-azzjoni attriċi hija preskritta abbażi tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

**<u>Eċċezzjonijiet fil-mertu</u>**

1. It-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fil-Liġi u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

2. L-esponenti jeċċepixxu illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mir-rikorrent qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieġ illi jiġu pruvati;

3. Il-esponenti ma kkawżaw l-ebda danni lill-attur u m’għandhomx jiġu kkundannati jħallsu l-ebda somma lill-istess;

4. Il-esponenti jeċepixxu fi kwalunkwe kas l-attur jrid jestabilixxi n-ness bejn l-aġir tal-esponenti u d-danni allegatamenti sofferti mill-attur u jeħtieġ ukoll illi l-attur jressaq provi ċari u inkonfutibbli ta' danni pretiżi minnu;

5. Il-proċeduri li ttieħdu fil-konfront tal-attur kienu imsejsa fuq bażi legali kif spjegat fiċ-*charge sheet* maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija fit-13 ta' Ġunju 2007 (hawn anessa u mmarkata bħala Dok '**COP 1**') fejn l-imsemmi makkinarju fir-rikors ġuramentat in risposta nżamm bħala *corpus delicti* fil-mori tal-proċeduri tal-kawża "*Il-Pulizija vs Shannon Borg u Raymond Brincat"* (Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) abbażi ta' dik li jistipula l-artikolu 23 tal-KAP 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Minkejja illi l-makkinarju suċċitat huwa msemmi bħala *amusement machines* fir-rikors ġuramentat in risposta, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jirrileva illi tali makkinarju kien jikkonsisti f'logħob ta' sogru li jintlagħab għall-flus jew valur ta' flus li huwa logħob illegali meta m'huwx liċenzjat. Għaldaqstant l-pretiża tal-attur illi l-Qorti għandha tgħaddi sabiex tiddikjara danni bħala telf ta' qligħ miż-żamma ta' tali makkinarji pendenti l-proċeduri kriminali hija improponibbli ġaladarba dan il-makkinarju kien in kontravenzjoni tal-Liġi u ma setax jagħmel qligħ b'mod legali minn tali makkinarju;

7. Fi kwalunkwe kas u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċepixxu illi ai termini tal-artikolu 1030 tal-KAP 16 tal-Liġijiet ta' Malta, kull min jeżerċita dritt mhux responsabbli għad-danni li jistgħu jiġru sakemm il-pretensjoni tiegħu ma tkunx arbitrarja jew kapriċċuża li ċertament mhux il-każ fil-każ odjern. Illi f' dan il-każ imkien ma jirriżulta illi saret xi prosekuzzjoni in *mala fede* kontra l-attur liema prosekuzzjoni in *mala fede* hija l-element essenzjali għal azzjoni għal danni fin-natura ta' dik odjerna.

Rat l-atti tal-kawża.

Qrat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Il-fatti li allegatament jagħtu lok għal responsabilita` tal-konvenuti mhumiex ikkontestati. L-attur ġie akkużat b'reati kriminali relatati ma' attivita' illegali ta'

logħob liema kawża bdiet fis-sena elfejn u sitta (2006) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u ntemmet fit-18 ta' Novembru 2016 permezz tal-verbal tal-Qorti msemmi fir-rikors ġuramentat.

Ikkunsidrat:

L-Avukat Generali qiegħed jiġi mħarrek għall-allegat aġir tiegħu waqt il-proċediment kriminali kontra l-attur u għalhekk din il-kawża hija sewwa diretta kontra tiegħu. Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni preliminari hija mingħajr bażi.

It-tieni eċċezzjoni preliminari ġiet sorvolata bid-dikjarazzjoni tal-attur li l-azzjoni tiegħu hija waħda *ex delicto.*

Permezz tat-tielet eċċezzjoni preliminari, il-konvenuti qegħdin jeċċepixxu l-preskrizzjoni qasira skont l-Artiklu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

Skont l-Artiklu 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili min irid jipprevalixxi ruhu mill-benefiċċju ta' preskrizzjoni partikulari ossia brevi, ghandu (i) jixhed minn jeddu u (2) jagħti l-ġurament waqt il-kawża li ma hux debitur.

Minkejja t-tibdil radikali li sar fil-liġi permezz tal-Atti I.2017 u VIII.2017:

> "Dawn iż-żewg formuli ta' ġurament xorta baqgħu sagramentali, u kull devjazzjoni minnhom ma tiswiex *ai fini* ta' dawn ix-xorta ta' eċċezzjonijiet. Li tgħid li d-dejn huwa preskritt, minghajr ma tuża' t-test li trid il-ligi, ma jiswiex biex tirnexxi din ix-xorta ta' eċċezzjoni. Ma hux kompitu tal-konvenut li jasal għall-konklużjonijiet legali. Il-kompitu tiegħu hu li jimxi skont dak li jitlob l-artiklu msemmi".[1]

Il-konvenuti ma xehdux f'din il-kawża u ċertament m'ottomperawx ruħhom mal-vot tal-Artiklu 2016 preċitat. Din l-eċċezzjoni għalhekk sejra wkoll tiġi miċħuda.

[1] P&S Limited v Noel Zammit 16.02.2018 Prim'Awla (Onor. Imħallef Toni Abela).

Permezz tas-sitt eċċezzjoni tagħhom fil-mertu, il-konvenuti jallegaw li l-*amusement machines* kienu jħaddmu logħob ta' sogru li jintlagħab għall-flus jew valur ta' flus li huwa logħob illegali meta mhux liċenzjat; u li għaldaqstant l-pretiża tal-attur illi l-Qorti għandha tgħaddi sabiex tiddikjara danni bħala telf ta' qligħ miż-żamma ta' tali makkinarji pendenti l-proċeduri kriminali hija improponibbli ġaladarba dan il-makkinarju kien in kontravenzjoni tal-liġi u ma setax jagħmel qligħ b'mod legali minn tali makkinarju. Il-konvenuti ma ġabux prova ta' din l-allegazzjoni. Anzi jirriżulta li l-magni ma kinux jagħtu flus lil min jilgħab fuqhom f'każ ta' rebħ.

Mhux ikkontestat illi l-proċeduri kriminali damu għaxar snin u li l-Qorti tal-Maġistrati damet snin tistenna għalxejn il-kunsens tal-Avukat Generali; u li l-proċeduri ntemmu għaliex il-Qorti ħadet l-inizjattiva u ddeċidiet li ma tiħux iktar konjizzjoni tal-każ, għaliex, fi kliem l-istess Qorti, minkejja li għadda deċennu sħiħ, il-kawża lanqas biss setgħet tinbeda. Sadanittant baqgħu maqbudin il-kaxxi tal-logħob proprjeta` tal-attur. M'hemmx dubju li dan l-aġir huwa wieħed negliġenti għall-aħħar u bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-imputat. Li tressaq bniedem il-Qorti, ittelliflu għajn tal-għixien tiegħu, u tħallih imdendel għaxar snin hija assolutament inaċċettabbli u abbuż serju tal-poter.

Skont Regolament 3 tal-Avviż Legali 43 tal-1988 – li kienet il-liġi viġenti meta nqabdu l-*amusement machines* tal-attur:

> "Ebda persuna ma għandha żżomm jew tħaddem, jew tippermetti li jinżammu jew jitħaddmu xi makni tad-divertiment f'xi fond mingħajr l-awtorita` bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija".

U skont Regolament 4 tal-istess Avviż:

> "Il-Kummissarju tal-Pulizija ma għandux jawtorizza ż-żamma u tħaddim ta' iktar minn tliet magni tad-divertiment f'xi fond".

L-attur jallega li kellu 4 *amusement machines* fil-ħanut imnejn inqabdu mill-pulizija u għalhekk ma setgħux jinżammu fil-ħanut legalment.

Meta l-avukat tal-konvenuti ssuġġerixxa lill-attur li kellu bżonn liċenzja biex jopera l-*amusement machines,* l-attur wieġeb b'mod evażiv li "Dawn meta kienu qatt ma kellna liċenzji fuqhom biex toperahom. Fil-fatt kelli l-permess jiena naħseb l-uniku wieħed ġo Malta li għandi l-permess". Mistoqsi kellux permess fis-sena 2006, wieġeb: "Jidhirli kelli diġa` l-permess u kont ippreżentajtu quddiem Apap Bologna".[2] Wiegħed li jippreżentah f'seduta sussegwenti[3] iżda qatt m'għamel hekk. Lanqas jirriżulta lill-Qorti li ġew esibiti fil-proċess kriminali. Apparti li seta' esebixxa kopji tal-permessi, seta' wkoll ħarrek lill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija biex jesebihom hu. Kjarament għalhekk, l-attur mhux biss naqas li jġib l-aħjar prova skont kif marbut jagħmel skont l-Artiklu 559 tal-Kap 12, imma iktar minn hekk naqas li jġib prova kwalunkwe li kellu l-permessi meħtieġa.

Minkejja n-negliġenza tal-konvenuti, ġaladarba ma ppruvax li kellu l-permessi meħtieġa, il-Qorti ma tistax takkorda danni lill-attur, għax ma tistax takkorda danni *turpis causa*.

Dan apparti li l-konvenut qatt ma talab li jieħu l-magni lura.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

(1) tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

(2) tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari l-oħrajn.

(3) tiċħad it-talbiet tal-attur.

[2] fol 84
[3] fol 85

Spejjeż a kariku tal-attur.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA